# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Jannar, 2002 .

### Citazzjoni numru : 115/1993G1(PC)

**Ganni Vella .**

**VS**

**Mary Jane Rapa armla ta' John .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur wara li ppremetta :**

**Illi huwa l-proprjetarju tal-fond tnejn u sittin (62) Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex .**

**Illi l-konvenuta tippossjedi l-fond numru sebgha u sittin (67) ta' Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex .**

**Illi dawn iz-zewg fondi ppervenew lill-kontendenti mill-wirt u successjoni ta' ommhom Maria Vella armla ta' Pietru Pawl li mietet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tal-elf disa' mija u tlieta u sebghin (1973) u rregolat is-successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti wiehed tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tal-elf disa' mija disgha u erbghin (1949) u l-iehor tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tal-elf disa' mija u tnejn u sittin (1962), t-tnejn fl-atti tan-Nutar Antonio Galea (dokumenti A u B) .**

**Illi fl-ewwel testment taghha Maria Vella oltre l-fond imsemmi fl-ewwel paragrafu halliet ukoll lill-attur il-bitha tal-fond bil-kejl ta' cirka tomnejn pari ghal elfejn mitejn u tmienja u erbghin metri kwadri (2248 m.k.) li waqt li bit-testment sussegwenti hija halliet lill-konvenuta porzjon diviz mill-ghalqa wara d-dar imhollija lilha "kif inhi imdawra minn wara l-post ta' Dun Angelo Camilleri sa parti mill-ghalqa ta' Michael Buttigieg bil-hajt li fiha kif inhi imdawra, bil-kejl tale kwali" .**

**Illi l-partijiet ma humiex jaqblu bejniethom dwar fejn ghandha tkun il-linja divizorja ta' bejniethom u dan partikolarment ghaliex il-hitan ezistenti gew rimossi mill-konvenuta u spostati ghal gol-proprjeta' tal-attur .**

**Talab lill-konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :**

1. **Tistabilixxi l-linja divizorja ta' bejn l-art fuq deskritta proprjeta' tal-attur mill-art adjacenti proprjeta' tal-konvenuta u tordna s-segregazzjoni taghhom permezz ta' hitan jew marki skond il-Ligi u dan taht id-direzzjoni ta' perit li jigi nominat ghal dan il-ghan minn din il-Qorti .**

**Bl-ispejjez .**

**Il-konvenuta hija mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed tigi ngunta .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu kkonfermata bil-gurament .**

**Rat ukoll id-dokumenti esebiti ma' l-istess citazzjoni .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet :**

**(1) Illi l-kawza odjerna hija nulla u dana peress illi legatarju imholli skond id-dispost tal-artikolu 709 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta) ma ghandu l-ebda dritt li jezercita l-azzjoni "finium regundorum" qabel ma l-ewwel jigi immess fil-pussess tal-istess legat mill-eredi billi jitlob lill-werrieta il-pussess tal-haga imhollija b'legat (Artikolu 726 tal-Kodici Civili – Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);**

**(2) Illi fi kwalunkwe kaz jekk l-attur jippretendi illi l-konvenuta dahlet gol-proprjeta' tieghu billi nehhiet hitan divizorju, l-azzjoni li kellha tigi intentata minnhu kellha tkun ferm diversa minn dik odjerna ;**

**(3) Illi minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess, ma huwiex minnu illi l-konvenuta nehhiet xi hitan divizorji, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-kawza .**

**(4) Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta minnha kkonfermata bil-gurament .**

**Rat l-atti l-ohra tal-kawza .**

**Rat ukoll in-nota tal-perit tekniku L-AIC Guido Vella nominat minn din il-Qorti bhala espert f'din il-kawza, illi permezz taghha huwa ddikjara illi f'access illi nzamm fis-16 ta' Frar tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998), kien nintlahaq ftehim bonarju bejn il-kontendenti, a tenur tal-verbal u skizz relattiv, esebiti bhala dokumenti G1 u G2 rispettivament ma' l-istess nota .**

**Rat il-verbal taghha tad-19 ta' Ottubru, tas-sena elfejn u wiehed (2001), fejn thalliet din il-kawza ghas-sentenza ghal-lum .**

**Il-Qorti, ghal hekk, u in vista tat-transazzjoni milhuqa bejn il-partijiet fis-16 ta' Frar 1998, tiddecidi l-kawza billi a tenur ta' l-istess transazzjoni, tiddikjara :**

1) **illi l-qasma bejn il-proprejtajiet rispettivi tal-kontendenti ghandha tinbena erba' piedi u erba' pulzieri (4'4") lejn it-tramuntana tal-hajt tal-kantun; u**

2) **Illi l-attur ghandu jidhol fil-pussess ta' bicca raba trijangulari li tibda b'wisgha ta' sitt piedi hdejn il-qasma u jibqa' sejjer lejn it-tramuntana sa kemm jigi fix-xejn meta jiltaqa' mal-hajt tas-sejjieh ezistenti . Din il-bicca art hija twila sitta u sittin pied .**

**Il-konvenuta jibqghalha dejjem tlieta u tletin pied u hames pulzieri wisgha fuq in-naha taghha tal-qasma ta' fuq ta' Loreto Xuereb .**

**Terga' tinnomina lill-istess AIC Guido Vella sabiex jissorvelja x-xoghol tal-bini tal-hitan mehtiega a tenur ta' din is-sentenza .**

**L-ispejjez tal-kawza u tal-perit tekniku billi din kienet tirrigwardja delimitazzjoni tal-konfini bejn proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti, ghandhom jigi issopportati ugwalment bejn l-istess kontendenti .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S11593G1(pc)
730